***5 ta' Ottubru, 1998***

**Imhallfin:-**

**S.T.O. Joseph Said Pullicino B.A. (Hons.), LL.D. - President**
**Onor. Carmel A. Agius B.A., LL.D.**
**Onor. Noel V. Arrigo LL.D.**

Charles Pace *et noe*

*versus*

Tarcisio Borg *noe*

## Mandat Kawtelatorju - Revoka ta' - Kompetenza - Rappreżentanza Ġudizzjarja

*Il-Qorti ta' l-Appell sabet illi l-mandat kawtelatorju mpunjat kien ġie ppreżentat fil-foro kompetenti, kontra persuni li kellhom rappreżentanza ġudizzjarja tas-soċjetà u l-elevazzjoni saret fuq oġġetti prezunti proprjetà ta' l-esekutat li naqset illi ġġib provi kuntrarji għal dan. Giet ikkonfermata s-sentenza ta' l-Ewwel Qorti fejn ġiet miċħuda t-talba għar-revoka tal-mandat.*

Il-Qorti:-

L-atturi *nomine* qegħdin b'din l-azzjoni jittantaw jottjenu dikjarazzjoni ta' nullità ta' Mandat ta' Qbid esegwit mill-konvenut bħala leġittimu rappreżentanti ta' bintu minuri Sharon in kawtela ta' ammont ta' danni *da liquidarsi* konsegwenzjali għall-inċident stradali li fih kienet korriet gravement. Qed jipproċedu b'dan l-att taċ-ċitazzjoni:

"L-atturi, wara li jippremettew illi l-konvenut, fl-14 ta' Settembru, 1992, ippreżenta mandat ta' qbid kawtelatorju numru 1744/92 (GB) fl-ismijiet **Tarcisio Borg bħala leġittimu rappreżentant ta' bintu minuri Sharon *vs* Charles Pace u Joseph Pace bħala diretturi u għan-nom u in rappreżentanza ta' Mosta Auto Dealers Co. Ltd.**; illi tali mandat ta' qbid huwa null u bla effett u dan stante li ġie ppreżentat u maħruġ minn din il-Qorti, nonostante l-inkompetenza tagħha *ratione materiae* u dana peress li la darba ġie ppreżentat kontra soċjetà kummerċjali, il-Qorti kompetenti hija l-Qorti tal-Kummerċ. Di più, il-mandat ta' qbid ikkontestat huwa ukoll null u bla effett

stante li Joseph Pace, imsemmi fl-istess mandat, mhuwiex direttur u rappreżentant ġuridiku tas-soċjetà konvenuta, kif faċilment seta' jiġi formalment ivverifikat mill-konvenut innifsu; billi di più, kif jirriżulta mir-riferta tal-Marixxal annessa ma' l-istess mandat ta' qbid, jirriżulta ukoll li dan ġie esegwit fuq vetturi li lanqas huma di proprjetà tas-soċjetà attriċi, iżda huma di proprjetà ta' terzi persuni, kif jirriżulta ukoll mir-riferta relattiva; illi jirriżulta ukoll illi l-kawżali allegati mill-konvenut, kif espressi u ndikati fl-istess mandat huma għal kollox infondati u bla ebda bażi legali kwalunkwe, kif jiġi ampjament ippruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawża, talbu li din il-Qorti tiddikjara u tiddeċidi li l-mandat fuq imsemmi huwa null u bla effett:

Minħabba l-inkompetenza ta' din il-Qorti *ratione materiae* u ukoll peress li kontra dak indikat fl-istess mandat ta' qbid, Joseph Pace la huwa direttur u lanqas rappreżentant ġuridiku tas-soċjetà intimata, soċjetà attriċi odjerna;

Billi kif jirriżulta mir-riferta tal-Marixxal ġew elevati vetturi li mhumiex di proprjetà ta' l-atturi *nomine*, iżda proprjetà ta' terzi;

Billi l-kawżali allegati mir-rikorrent konvenut odjern, għall-ħruġ ta' dak il-mandat, huma għal kollox infondati u bla bażi legali kwalunkwe; u

Konsegwentement, li din il-Qorti tirrevoka l-mandat fuq imsemmi";

Il-konvenut hekk eċċepixxa għat-talbiet attriċi:

"Li din il-Qorti mhix inkompetenti *ratione materiae* u dan a bażi ta' l-artikolu 36 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u

Proċedura Ċivili stante li l-kawżali fl-ismijiet fuq premessi tirrigwarda danni sofferti mill-attur *nomine* konsegwenza ta' nċident awtomobilistiku;

Illi l-mandat ta' qbid 1755/92 (GB) kien debitament maħruġ *kif jirriżulta mill-Memorandum and Articles of Assocation* tas-soċjetà kummerċjali *de quo*;

Illi l-oġġetti maqbuda permezz tal-mandat ta' qbid huma proprjetà tas-soċjetà attriċi stante li s-soċjetà attriċi tinnegozja fil-karozzi";

Fil-kors tal-proċeduri quddiem l-Ewwel Qorti, il-konvenut eċċepixxa ulterjorment illi t-talbiet attriċi kienu nfondati fil-fatt u fid-dritt stante li kien hemm kawża pendenti fl-ismijiet **Tarcisio Borg** *vs* **Kummissarju tal-Pulizija** *et* (Ċitaz. nru. 988/92 AJM);

B'sentenza tagħha tal-5 ta' Frar, 1993, il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili laqgħet l-eċċezzjonijiet tal-konvenut u konsegwentement ċaħdet it-talbiet attriċi bl-ispejjeż kontra l-atturi;

L-Ewwel Qorti hekk immotivat is-sentenza tagħha:

"L-atturi qed jibbażaw it-talba tagħhom għar-revoka tal-mandat ta' qbid numru 1755/92 maħruġ minn din il-Qorti fuq *diversi kawżalijiet li sejrin jiġu ttrattati separatament;*

Inkompetenza *ratione materiae*:

Qed jiġi sottomess mill-atturi li la darba l-allegat debitur hija soċjetà kummerċjali, il-mandat kellu jiġi ppreżentata

quddiem u maħruġ mill-Qorti tal-Kummerċ bħala l-Qorti kompetenti in materja;

Illi kif jidher mill-kopja tal-mandat in kwistjoni, il-ħruġ tal-mandat intalab "in kawtela tad-dritt tiegħu (ċjoè Tarcisio Borg *nomine*) għall-ħlas ta' danni subiti minn bintu";

Illi mhux ikkontestat li d-danni pretiżi mill-istess Tarcisio Borg kienu riżultat ta' ġrieħi sofferti mill-istess Sharon Borg f'inċident awtomobilistiku;

Għalhekk isegwi li l-obbligazzjoni li l-istess Borg qed jibbaża l-pretensjoni tiegħu fuqha hija waħda ta' natura ċivili - Danni wara reat;

Illi l-Qorti tal-Kummerċ hija Qorti ta' ġurisdizzjoni limitata u ntiża biex tieħu konjizzjoni ta' dawk il-kawżi kollha ta' natura kummerċjali jew li għandhom x'jaqsmu mal-kummerċ, kompriżi dawk dwar kambjalijiet, *promissory notes* u dawk il-każi kollha msemmija fl-artikoli 36 sa 39 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta. Inoltre, l-istess Qorti tal-Kummerċ tieħu konjizzjoni tal-kwistjonijiet kollha li jistgħu jinqalgħu minn atti tal-kummerċ elenkati fl-artikolu 5 tal-Kap. 13. L-allegata obbligazzjoni ta' l-atturi, intimati fil-mandat fuq imsemmija, mhux waħda minn dawk imsemmija fil-Kap. 12 u żgur ma toħroġx minn waħda mill-atti tal-kummerċ imsemmija fil-Kap. 13;

Għalhekk il-Qorti kompetenti hija l-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili;

Nuqqas ta' rappreżentanza ġuridika:

L-atturi qed jissottomettu ukoll li l-mandat in kwistjoni huwa null billi Joseph Pace, indikat bhala direttur u in rappreżentanza ta' l-istess soċjetà intimata fil-mandat, ma kienx direttur u għalhekk ma kellux rappreżentanza tas-soċjetà. Għal dan il-konvenut issottometta li l-mandat kien debitament maħruġ kif jirriżulta mill-att kostituttiv tal-kumpannija;

Illi, mill-paragrafu 16 a fol. 7 tad-Dokument CP1 (a fol. 41 *et sequitur* tal-proċess), jirriżulta li "*the judicial representation of the Company is entrusted to any one of the Directors*". Din il-klawsola ma jidhirx li ġiet emendata jew mibdula. Għalhekk direttur wieħed tal-kumpannija jista' jirrappreżenta lill-kumpannija fi proċeduri li jittieħdu minn u kontra l-istess kumpannija;

Skond l-istess dokument jidher li Joseph Pace kien oriġinarjament direttur tal-kumpannija attriċi, iżda ma baqax jokkupa din il-kariga b'effett mill-25 ta' Awissu 1979 u dana skond avviż li ntbagħat lir-Reġistratur tas-Soċjetajiet Kummerċjali fis-7 ta' Settembru, 1979 (fol. 46 tal-proċess). Isegwi li meta ġie pprezentat il-mandat in kwistjoni u ċjoè fl-14 ta' Settembru, 1992, żgur li Joseph Pace, la kien direttur u lanqas ma kellu, b'xi mod, ir-rappreżentanza tas-soċjetà Mosta Auto Dealers Co. Ltd.;

Il-mandat ta' qbid, però, ġie ppreżentata sew kontra Joseph Pace kif ukoll kontra Charles Pace li mid-dokument CP1, esebit mill-istess atturi, jidher li fid-data tal-preżentata ta' l-istess mandat, kien effettivament Direttur tas-soċjetà ntimata;

Illi kif ġà ngħad fuq, l-att kostituttiv tas-soċjetà Mosta Auto Dealers Co. Ltd. jipprovdi li direttur wieħed waħdu għandu r-rappreżentanza tas-soċjetà għalhekk l-istess soċjetà kienet debitament rappreżentata fil-mandat minn Charles Pace.

L-inserzjoni ta' Joseph Pace bħala rappreżentanti s-soċjetà meta dan ma kellux din ir-rappreżentanza bl-ebda mod ma ġġib in-nullità tal-mandat;

Qed jiġi sottomess li l-mandat huwa ukoll null billi ġew elevati vetturi li mhumiex ta' proprjetà ta' l-atturi nomine;

Illi mir-riferta tal-Marixxal li esegwixxa l-mandat ta' qbid *jidher li fl-esekuzzjoni li ġiet effettwata fit-30 ta' Settembru,* 1992, inqabdu mill-fond 77, Triq il-Kostituzzjoni, Mosta, tas-soċjetà Mosta Auto Dealers, diversi effetti mobbli konsistenti f'ħames karozzi ta' marki diversi, għamara, *computer*, *television* u żewġ *air conditioners*;

Illi skond ma jirriżulta mill-istess riferta tal-Marixxal, kif ukoll mill-fotokopji ta' *Log Books* tal-vetturi maqbuda (dok. CP2 sa CP6) l-istess vetturi kienu, fid-data ta' l-esekuzzjoni tal-*mandat, irreġistrati f'isem terzi persuni*;

Illi, kif jidher mid-dokument CP1 is-soċjetà attriċi ċjoè Mosta Auto Dealers Ltd. għandha l-uffiċċji tagħha fil-fond 77, Triq il-Kostituzzjoni, Mosta, u li minn dan il-fond teżerċità n-negozju ta' *second hand car dealers*;

Illi għalhekk, fil-mument ta' l-esekuzzjoni tal-mandat ta' qbid, il-vetturi kienu fil-pussess effettiv tas-soċjetà attriċi, *għalkemm l-istess vetturi ma kinux irreġistrati f'isem dik is-*soċjetà. Dan il-pussess, però, joħloq preżunzjoni li dik is-soċjetà kienet qed tippossjedi f'isimha u b'titolu ta' proprjetà. Inoltre, jidher li, kif ġara fil-każ li ta lok għal kawża tad-danni promossa mill-konvenut odjern (dok. CP7 fol. 34 sa 39 tal-proċess esebit mill-atturi), Jimmy Fenech li kien il-persuna li kkawżat l-inċident, kien qed isuq vettura mixtrija mingħand is-soċjetà attriċi iżda rreġistrata f'isem Charles Mizzi u li fil-*Hire*

*Purchase Agreement* tat-2 ta' Marzu, 1990, tas-soċjetà attriċi (dok. CP fol. 18 tal-proċess), l-istess Mosta Automobile Dealers jirreferu lilhom infushom bħala *the owners*;

Illi għalhekk, apparti konsiderazzjonijiet oħra, u ċjoè li l-mandat mhux null għax inqabdu effetti oħra li huma ċertament tas-soċjetà attriċi, u li fi kwalunkwe każ, it-talba għar-revoka ta' mandat fuq effetti proprjetà ta' terzi persuni u mhux tad-debitur, trid issir minn dawk il-persuni nteressati, din il-Qorti ma tistax tilqa' din it-talba għar-raġunijiet fuq mogħtija;

Fl-aħħarnett l-atturi qed jissottomettu li l-mandat ta' qbid huwa ukoll null billi l-kawżali allegati mir-rikorrent għal ħruġ ta' dak il-mandat huma għal kollox infondati u bla ebda bażi legali kwalunkwe;

Illi din il-Qorti tħoss li din it-talba mhix ammissibbli stante li tifforma meritu tal-kawża bejn il-kontendenti u oħrajn, Ċitaz. nru. 988/92 fl-ismijiet **Tarcisio Borg** ***noe vs*** **Kummissarju tal-Pulizija** *et*, pendenti quddiem din l-istess Qorti, illi effettivament kontra din it-talba l-konvenut, lanqas biss ma ressaq eċċezzjoni u fit-trattazzjoni illimita ruħu għas-sottomissjoni li f'dawn il-proċeduri, li jikkonċernaw biss ir-revoka ta' mandat, il-Qorti ma għandhiex teżamina l-validità o meno tal-kawżali għall-ħruġ tal-mandat billi b'dak il-mod tkun qed tiddetermina *a priori* l-meritu fil-kawża l-oħra. Il-Qorti taqbel pjenament ma' din is-sottomissjoni";

L-aggravju ta' l-appellanti *nomine* jsegwi l-ordni kronoloġiku tal-kawżalijiet diversi minnhom avanzati bħala raġuni għaliex il-mandat ta' qbid *de quo* kellu jiġi ddikjarat null. Huma kollha kawżalijiet prattikament proċedurali ħlief għall-aħħar waħda, dik li l-oġġetti maqbuda ma kinux proprjetà tas-soċjetà attriċi, iżda ta' terzi. Jingħad mill-ewwel li fl-aggravju

tagħhom, l-appellanti ma jissottomettew xejn ġdid oltre dak li huma ssottomettew fl-att taċ-ċitazzjoni u fid-dikjarazzjoni ġġuramentata tagħhom u jidher li dan hu pjuttost appell ta' faċili spedizzjoni u taħt ċertu aspetti l-kompitu tal-Qorti ġie reż aktar sempliċi wara l-emendi bl-Att XXIV ta' l-1995 li estensivament irtokkaw il-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili. Din il-Qorti ser issegwi l-*iter* ta' l-appellanti *nomine* fir-rikors ta' l-appell tagħhom;

L-appellanti anke f'dan l-istadju baqgħu jivvantaw in-nullità tal-mandat ta' qbid għax ġie ppreżentat fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili u jsostnu li ma kinitx il-Qorti kompetenti fejn kellu jiġi ntavolat. Jissottomettu li l-Qorti kompetenti kellha tkun il-Qorti tal-Kummerċ billi l-mandat ġie ppreżentat kontra soċjetà kummerċjali;

Dan l-aggravju hu nsostenibbli mhux biss għar-raġunijiet dedotti mill-Ewwel Qorti, li huma sostanzjalment korretti imma ukoll għaliex:

Il-mandat kawtelatorju hu preordinat għall-preżentata ta' l-att taċ-ċitazzjoni li fiha u biha l-kreditur attur jiddeduċi l-pretensjoni tiegħu fiż-żmien stabbilit mil-liġi. Il-mandat kellu allura neċessarjament u legalment jiġi ppreżentat fil-foro fejn l-attur ikun intenzjonat li jippreżenta l-azzjoni li għaliha l-mandat ikun jirreferi. Hu allura l-meritu tat-talba attriċi li kellha *tiddetermina u teradika l-kompetenza tal-Qorti li kellha* tieħu konjizzjoni tal-kawża u fejn kellu allura jiġi ntrodott, kemm jekk dan ikun kawtelatorju kif ukoll jekk ikun esekuttiv. Hu nfatti fil-proċedura tas-smigħ tal-kawża li kien konsentit li tiġi ssollevata l-eċċezzjoni ta' l-inkompetenza tal-Qorti;

Din l-eċċezzjoni ta' l-inkompetenza tal-Qorti *ratione materiae* li segħet tiġi ssollevata sakemm l-ordinament

ġudizzjarju kien jipprovdi għat-twaqqif tal-Qorti tal-Kummerċ b'ġurisdizzjoni speċjali u speċifika. Anke kieku kellha tiġi *milqugħa mill-Qorti, ma kinitx* timporta n-nullità tal-proċeduri, imma biss l-ispostament tas-smigħ tal-kawża minn Qorti għal quddiem Qorti oħra finalment, kif dirett minn din il-Qorti fil-proċedura apposita. Għalhekk anke taħt ir-reġim anteċedenti għall-emendi reċenti għall-Kap. 12, l-aggravju tan-nullità tal-proċedura minħabba l-inkompetenza tal-Qorti li quddiemha jkun ġie ntavolat il-mandat kien ifalli;

Wara l-emendi ta' l-Att XXIV ta' l-1995 li abolew il-Qorti tal-Kummerċ u pprovda li l-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili kellha tkun *l-unika Qorti Superjuri ta' l-ewwel grad b'ġurisdizzjoni* ordinarja biex tieħu konjizzjoni tal-kawżi kollha li l-meritu tagħhom jkun jaqa' fil-kompetenza tagħha, kien x'kien il-materja tal-meritu, dan l-aggravju lanqas biss baqa' ssollevabbli in kwantu ma kienx għadu korrett li tingħata l-eċċezzjoni ta' l-inkompetenza *ratione materiae* u senjatament għaliex il-Qorti tal-Kummerċ *ut sic* ġiet abolita;

Hu rilevanti għal din l-eċċezzjoni illi mhux biss l-azzjoni konsegwenzjali għall-mandat, u li biħ ġie dedott il-meritu quddiem *il-Qrati, ġiet intavolata quddiem il-Prim'Awla tal-*Qorti Ċivili - fi żmien meta l-Qorti tal-Kummerċ kienet allura għadha viġenti - imma ukoll illi l-appellanti odjerni, konvenuti f'din il-kawża, ma deħrilhomx meħtieġ li jissollevaw din l-eċċezzjoni ta' nkompetenza quddiem dik il-Qorti u ssottomettew ruħhom għall-ġurisdizzjoni tagħha. Daqstant almenu jidher mill-kopji ta' l-atti ta' dik il-kawża esebiti waqt dawn il-proċeduri;

Għandha ukoll, għal kull buon fini, tiġi korretta s-sottomissjoni ta' l-appellanti li l-att li kien qed jiġi mpunjat mis-soċjetà appellanti huwa l-att tal-bejgħ jew *hire purchase*

*agreement* li sar bejn is-soċjetà appellanti u Jimmy Fenech għall-bejgħ tal-vettura u l-polza ta' l-assigurazzjoni konsegwenzjali għal tali bejgħ. L-appellant jissottometti li dan l-att kien bla dubbju att ta' kummerċ oġġettiv. Fil-verità, però, l-azzjoni tentata mill-attur - konvenut f'din il-kawża - bħala leġittimu rappreżentant ta' bintu minuri, kienet ben diversa mill-impunjazzjoni ta' kuntratt ta' bejgħ minħabba non adempjiment ta' obbligu kuntrattwali da parti ta' l-attriċi *nomine* li jassiguraw sewwa l-vettura mibjugħa. Il-konvenut qed jallega negliġenza kriminali bin-nuqqas tas-soċjetà attriċi rappreżentata mill-appellanti li jaċċertaw li l-vettura minnhom akkwistata tkun tempestivament u adegwatament assigurata. Il-konvenut qed jaddebita lis-soċjetà appellanti responsabbilità għad-danni konsegwenzjali għall-inċident "bħala li volontarjament jew involontarjament b'negliġenza jew imprudenza, naqset milli tagħmel dak impost fuqha bil-liġi. L-azzjoni għalhekk mhix waħda *ex contractu* imma *ex delictu vel quasi delictu*. Meritu dan li bl-ebda mod ma jista' jitqies li kien jaqa' fil-kompetenza tal-Qorti tal-Kummerċ meta din kienet għadha funzjonanti;

Aggravju ieħor ta' l-appellanti hu li l-Ewwel Qorti ma laqgħetx l-eċċezzjoni tagħhom tad-difett gravi fin-nuqqas ta' rappreżentanza ġuridika li kellu jissarraf għal din ir-raġuni ukoll fin-nullità tal-proċeduri. Anke f'dan ir-rigward il-konsiderazzjoni ta' l-Ewwel Qorti li wassluha biex ċaħdet din il-premessa għat-talbiet attriċi jirriżultaw korretti u ben fondati. U jekk dan l-aggravju kien insostenibbli meta ġie ntavolat l-appell, sar ċertament u definittivament bla bażi ġuridika wara l-emendi ta' l-Att XXIV ta' l-1995. Infatti, l-artikolu 181A tal-Kap. 12, issa jipprovdi illi meta tiġi preżentata skrittura minn jew kontra korp li jkollu personalità ġuridika distinta - bħal ma hi ċertament is-soċjetà rappreżentata mill-appellanti - ikun biżżejjed li wieħed iniżżel l-isem tal-korp. L-indikazzjoni tal-persuna li għandha r-rappreżentanza ġuridika tas-soċjetà skond

l-istatut kostituttiv tagħha, fiċ-ċitazzjoni jew skrittura, hi llum *għal kollox superfluwa u konsegwentement kull skorrettezza* f'dan ir-rigward tkun ta' bla ebda kont jew sinifikat;

Dan l-aggravju jeħtieġ allura li jiġi respint;

It-tielet aggravju ta' l-appellanti hu fis-sens li l-Ewwel Qorti ma messhiex irriteniet li la darba l-vettura u l-oġġetti elenkati fil-mandat ta' qbid *de quo* kienu jinsabu fil-pussess tas-soċjetà attriċi, din kienet toħloq preżunzjoni li tali soċjetà kienet qed tippossedihom b'titolu ta' proprjetà;

Anke dan l-aggravju però jirriżulta insostenibbli. L-Ewwel *Qorti għamlet enfasi fuq il-prinċipju li fejn si tratta ta' oġġetti* mobbli, il-pussess jikkostitwixxi, salv prova kuntrarja, it-titolu ta' proprjetà. Dan hu korrett anke jekk jista' jiġi objettat - kif ġie, illi fir-rigward tal-vetturi jista', għal din il-preżunzjoni, jiġi oppost il-fatt illi dawn kienu liċenzjati f'isem ħaddieħor u allura legalment seta' jiġi sostnut li l-vetturi kienu ta' proprjetà tal-persuni li f'isimhom kienu liċenzjati. Il-Qorti però tqis li din il-materja ma tinteressax lill-atturi f'din il-kawża. Jonqos fl-atturi l-interess ġuridiku personali u attwali meħtieġ biex jistitwixxu l-kawża fuq din il-kawżali. Ċertament ma jistax jiġġjova għat-talbiet attriċi d-dritt ta' proprjetà - li skond huma għax hekk jikkonvjenilhom f'din il-kawża - jirriżulta li kien ta' ħaddieħor. Del resto, kif sewwa rrilevat l-Ewwel Qorti, id-ditta attriċi ddeskriviet *lilha nfisha bħala l-proprjetarju tal-vettura* involuta fl-inċident meta ħabtet, anke jekk din il-karozza kienet għadha rreġistrata f'isem ħaddieħor. Hi magħrufa l-prattika ta' ħafna minn dawk li jinnegozjaw f'xiri u bejgħ ta' vetturi *seconda mano* li jipprovaw kemm jistgħu, għal raġunijiet fiskali, li jevitaw li jdawwru u jagħmlu t-*trasfer* tal-vetturi li jkunu qed jinnegozjaw f'isimhom avolja jkunu bħala fatt diġà ħallsu l-prezz tagħhom kollu lis-sidien meta jkunu xtrawhom;

Din il-Qorti bħall-Ewwel Qorti, għalhekk mhi xejn sodisfatta mill-provi li s-soċjetà attriċi ma kinitx *de facto* jekk mhux *de iure* l-proprjetarju ta' l-oġġetti maqbuda bil-mandat ta' qbid, impunjat, u konsegwentement, li kien jonqos l-interess ġuridiku tas-soċjetà attriċi li tittanta l-azzjoni fuq din il-kawżali. Żgur li lanqas li l-Ewwel Qorti kienet tistenna hu li s-soċjetà attriċi tipproduċi, anke jekk biss bħala prova, is-suppost proprjetarji tal-vetturi u oġġetti maqbuda bil-mandat *de quo*;

Finalment, l-aħħar aggravju ta' l-appellanti hu li l-Ewwel Qorti ma kienx messha sostniet li la darba l-kawżali allegata għall-ħruġ tal-mandat jifforma l-meritu *taċ-ċitazzjoni nru. 988/92* fl-ismijiet **Tarcisio Borg** ***noe vs*** **Kummissarju tal-Pulizija** hija ma setgħetx tidħol fil-meritu ta' l-istess kawża. Din il-Qorti ma tarax kif l-appellanti jistgħu jsostnu dan l-aggravju. Il-premessa għal din il-kawżali fiċ-ċitazzjoni tagħhom hi li "l-kawżali allegata mill-konvenut kif espressa u indikata *bl*-istess mandat, kienet għal kollox infondata u bla ebda bażi legali kif kellu jiġi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawża". Hu ovvju li din il-kawżali hi preordinata għat-talbiet ta' l-appellant fil-kawża minnu istitwita biex jiddeduċi l-pretensjoni tiegħu kontra s-soċjetà appellanti. Hu allura ovvju li kien biss f'din il-kawża u mkien aktar, li seta' jiġi epurat dak il-meritu. Is-sottomissjonijiet ta' l-appellanti f'dan l-aggravju huma nfatti kritiċi tal-pretensjoni attriċi fil-meritu fil-kawża tentata mill-appellat u huma rifless ta' l-eċċezzjonijiet ta' l-appellanti *nomine* għalihom. Din il-Qorti ma tifhimx kif, anke kieku kellha għall-grazzja ta' l-argument biss - tikkonċedi illi l-kawżali allegati mir-rikorrent kreditur għall-ħruġ tal-mandat taħt eżami kienu għal kollox infondati u bla ebda bażi legali, dan seta' jwasal għad-dikjarazzjoni ta' nullità ta' dak il-mandat u mhux biss għaċ-ċaħda tat-talba li dak il-mandat kien maħsub li jikkawtela fil-meritu;

Għal dawn il-motivi u għal dawk ukoll dedotti mill-Ewwel

Qorti, l-appell hu miċħud u s-sentenza appellata kkonfermata bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-appellanti *nomine*.